MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 396/2011

**L-Avukat Rachael Bonello li qed tidher ghan-nom tal assenti Carmela maghrufa bhala Carmen Callus skond prokura hawn annessa u mmarkata Dok. "A" kif ukoll ghan nom tal-assenti Maria Engels, Yvonne Maloney u May Sciberras verbalment awtorizzata, Suzanne Schembri, Josephine Schembri, Annabelle Raway, Edmond Aquilina, Roberta Mancuso, Shirley Borg Degiorgio, Edward Calleja**

**vs**

**Mariella Borg, Teresa Mizzi, Giuseppa Caruana, John Mizzi, Gertrude Attard, Carmel Mizzi, Susan O'Meara, Susan Cheesebourough u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2011 Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Melissa Anastasi gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill assenti Christopher Martin  u Keith Martin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' atturi tad-19 ta' April 2011 li jghid hekk:
1. Illi l-kontendenti huma koproprjetarji tal fond ufficjalment immarkat bin-numru wiehed u hamsin (51), gia enumerat bin-numru sebgha u erbghin (47) fi Triq ic Cimiterju, gia maghrufa bhala Burials Street, Paola bid-drittjiet u pertinenzi kollha tieghu;

2. Illi l-kontendenti ilhom fi stat ta' komunjoni tal-fond in kwistjoni ghal ferm aktar minn ghaxar (10) snin;

3. Illi filwaqt li l-esponenti flimkien bejniethom ghandhom sehem ta' mija wiehed u sebghin parti minn mitejn parti (171/200) tal-proprjeta hawn fuq imsemmija, l-intimati flimkien u indivizament bejniethom ghandhom ir-rimanenti disgha u ghoxrin parti minn mitejn parti (29/200) stanti li l-proprjeta de quo giet akkwistata minn Joseph Camilleri tul iz-zwieg tieghu ma' Giovanna Camilleri in virtu ta' kuntratt ta' akkwist ippubblikat minn Nutar John Spiteri Maempel tat-18 ta Gunju 1973;

4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, Joseph Camilleri miet intestat fil-15 ta Lulju 1975 u l-wirt tieghu ddevolva skond il-ligi in kwantu ghal nofs indiviz fuq hutu mill-istess genituri u cioe fuq Melania Aquilina, Georgina Attard, Evelyn Calleja, Mansueta Mizzi, Rita Aquilina, Lucy O'Meara u Maria Carmela sive Carmen Strachan, u in kwantu ghal nofs indiviz l-iehor fuq martu Giovanna sive Jane Camilleri nee' Grech, u dan stanti l-fatt li ma kellhomx tfal mill-imsemmi zwieg;

5. Illi ghalhekk kwart (1/4) indiviz tal-proprjeta de quo in segwitu tal-mewt ta' Joseph Camilleri hawn fuq imsemmi, ghadda f'idejn hutu imsemmija aktar 'il fuq, li minn naha taghhom wirtuhom il-kontendenti kollha minbarra r-rikorrenti Carmela sive Carmen Callus, u kwart (1/4) indiviz l-iehor ghadda f'idejn martu Giovanna sive Jane Camilleri nee' Grech, li peress li kienet diga proprjetarja

tan-nofs indiviz l-iehor bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti saret proprjetarja ta' tlett kwarti indivizi tal-fond de quo, liema sehem intwiret minn l-unika bint taghha ir-rikorrenti Carmela sive Carmen Callus;

6. Illi ghalhekk gie sodisfatt ir-rekwizit li l-imsemmija proprjeta tkun inzammet in komun ghal aktar min ghaxar snin skond dak indikat fl-artikolu 495(A) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi inoltre qed jigi kkonfermat ukoll li ma hemm ebda kawza dwar il-qsim tal-istess proprjeta quddiem xi Tribunal jew Qorti kompetenti ta' Malta;

8. Illi r-rikorrenti kollha qablu li l-proprjeta ghandha tinbiegh bil-prezz ta' hamsin elf ewro (€50,000) u qablu wkoll dwar il-kondizzjonijiet li ghandhom jiggvernaw tali bejgh u ghalhekk iffirmaw konvenju ma' terzi li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B" wara li inkisbu zewg stimi minn "Estate Agents" hawn annessi u mmarkati Dokumenti "C" u "D". L-unika wahda li opponiet b'mod inekwivoku ghall-bejgh kienet l-intimata Mariella Borg, u l-intimati l-ohrajn ma opponewx b'mod inekwivoku izda meta saret komunikazzjoni maghhom l-anqas ma taw il-kunsens jew appuntaw mandatarju biex jigu rapprezentati fuq l-att ta' konvenju u ghalhekk ma jistax jinghad li taw il-kunsens taghhom;

9. Illi fid-dawl tas-suespost, huwa car u manifest li l-intimati mhux ser ikunu gravament pregudikati jekk kemm-il darba din il-Qorti tordna l-bejgh tal fond hawn fuq imsemmi, ghaliex m'hemm l-ebda gustifikazzjoni ghaliex m'ghandhomx jersqu ghal tali bejgh;

10. Illi ghalhekk, l-istess rikorrenti qieghdin, tramite l-odjerna procedura, jipprevalixxu ruhhom mill-artikolu 495(A) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta halli jigi awtorizzat il-bejgh in kwistjoni minn din l-Onorabbli Qorti;

11. Illi kontestwalment mal-prezenti rikors guramentat, l-esponenti qed iressqu d-dikjarazzjonijiet taghhom skond il-ligi fis-sens li huma jaqblu mal-istess bejgh ai termini tal-

precitat konvenju, liema dikjarazzjonijiet qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok. E, Dok. F, Dok. G, Dok. H, Dok. I, u Dok. J, kif ukoll qed jigi anness bhala Dok. K prospett tal-ishma fil-proprjeta li ghandhom ir-rikorrenti fil-mument tal- iffirmar tal-konvenju;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tiddikjara li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tinhareg ordni ghal-bejgh tal-fond 51, Triq ic-Cimiterju, Paola skond l-artikolu 495(A) tal-Kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tawtorizza l-bejgh tal-fond 51, Triq ic-Cimiterju, Paola bil-prezz u kondizzjonijiet misjuba fil-konvenju anness bhala Dokument “B” u/jew taht kwalunkwe kondizzjoni ohra li din il-Qorti joghgobha tordna;

3. Tistabilixxi hin, jum u l-post meta u fejn ghandu jsir it-trasferiment liema appuntament - qed jigi sottomess bir rispett - ghandu jigi stabilit wara li jittiehed in konsiderazzjoni il-fatt li xi uhud mil-koproprjetarji huma residenti barra minn Malta, u ghalhekk jehtieg li jinkisbu l-permessi necessarji mid-Dipartimenti tal-Gvern koncernati li jiehdu mill-inqas xi xaharejn zmien sabiex jigu processati;

4. Tahtar lin-Nutar Joseph Tabone sabiex jippubblika l-att finali ta’ trasferiment fuq riferit;

5. Tahtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-att finali ta’ bejgh sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja tal-intimati jew ta’ kull komproprjetarju jew kull parti ohra li jkollha interess;

6. Occorendo taghti kull direzzjoni u tordna lin-Nutar li ser ikun jippubblika il-kuntratt halli jiddeposita s-sehem spettanti lill-intimati mir-rikavat tal-imsemmi bejgh taht l-awtorita tal-Qorti f’kaz li huma jonqsu li jidhru u jaccettaw l-istess sehem taghhom;

7. Taghti kwalunkwe provvediment ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni inkluz jekk jirrizulta li ma jkunx saru xi dikjarazzjonijiet “Causa Mortis” fir-rigward tal-ishma tal-intimati li jkunu gejjin minn wirt, li l-istess Nutar nominat biex jippubblika l-att ta’ bejgh jigi awtorizzat jippubblika wkoll tali dikjarazzjonijiet u li l-ispejjez relattivi jigu imnaqqsa mis-sehem tar-rikavat tal-istess intimati.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-intimati.

Rat li l-konvenuti Mariella Borg, Carmel Mizzi u John Mizzi gew debitament notifikati u naqsu li jipprezentaw risposta;

Rat il-verbal tat-12 ta’ Dicembru 2011 fejn Gertrude Attard, Giuseppa Caruana u Theresa Mizzi iddikjaraw bil-gurament taghhom li ma humiex ser jirrispondu ghal kawza;

Rat il-verbal tal-15 ta’ Jannar 2013 fejn seduta stante Gertrude Attard assumiet l-atti f’isem Susan O’Meara u Susan Cheesebourough u qablet mat-talbiet attrici;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Mejju 2011 fejn gew nominati kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-konvenuti Christopher Martin u Keith Martin;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tas-17 ta’ Gunju 2011 fejn eccepew:
Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni msejsa fuq l-artikolu 495A tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jghid hekk:

(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indivizjoni forzata, meta xi haga tkun inzammet in komun ghal izjed minn ghaxar snin u hadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghall-qsim tal-proprjeta li tkun qed tinzamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgh ta' xi proprjeta partikolari bejniethom, il-qorti ghandha, jekk tkun sodisfatta li hadd mill- komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament pregudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgh skond ma jkun jixtieq l-akbar ghadd ta' komproprjetarji filqies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.

L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita t-trasferiment ta' proprjeta intera meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment tal-intier tal-proprjeta in komun. Hi fil-fatt forma ta' trasferiment forzat li ghalih il-ligi tpoggi parametru ben car sabiex ma jsirx abbuz, sfruttament jew fi kliem il-ligi 'pregudizzju serju' ghal drittijiet tal-minoranza.

Il-ligi tpoggi certi kundizzjonijiet fuq min irid javvali ruhu mill-ligi. Dawn huma:

1. Stat ta' komunjoni ghal aktar minn ghaxar snin li ma tkunx wahda ta' indivizjoni forzata jew gejja minn stat ta' kondominju;
2. Li ma hemmx azzjoni ghad-divizjoni in corso;
3. Nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgh.

Il-ligi fl-artikolu 495A(2) jispecifika l-ghamla li ghandha tiehu l-azzjoni w ighid hekk:

(2) It-talba lil qorti ghandha ssir permezz ta' rikors li mieghu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgh kif ukoll prospett li jkun juri l-ghadd u l-valur tal-ishma li kull wiehed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li tahthom ikun ser isir il-bejgh. Fir-rikors ghandha tigi indikata wkoll id-data meta l-hwejjeg ikunu gew in komun u c-cirkostanzi relattivi.

Jirrizulta mill-atti illi l-atturi ottemperaw ruhhom ma’ dak li titlob il-ligi f’bejgh ta’ immobbli mizmuma in komun ghal aktar minn ghaxar snin. Esebew konvenju ghall-bejgh tal-proprjeta in kwistjoni datat 27 ta’ Jannar 2011 bil-prezz konvenut ta’ €50,000 ghall-intier u l-kondizzjonijiet l-ohra li tahthom ghandu jsir il-bejgh (Dok. B a fol. 8 tal-process). Esebew ukoll prospett dettaljat tal-ishma tal-attturi kollha u dikjarazzjoni dettaljata mnejn giet il-proprjeta u kif kull parti akkwistat is-sehem taghha (Dok. K a fol. 26 tal-process). Ezami taz-zewg stimi ex parte juru illi l-valuri miftiehma tal-bejgh huma vantaggjuzi ghal koproprjetarji, tant li z-zewg stimi ghandhom l-istess valur tal-prezz miftiehem fuq il-konvenju.

Ma ngiebet ebda prova illi hemm xi kawza ghad-divizjoni pendenti u n-nuqqas ta’ ftehim dwar il-bejgh jirrizulta mill-fatt li whud mill-eredi jghixu barra u ma hemmx il-kunsens taghhom ghal bejgh. Dan l-ahhar fattur hu ostakolu ghal bejgh li jista’ jigi indirizzat b’kawza taht l-artikolu in kwistjoni bil-kundizzjoni li l-Qorti ghandha diskrezzjoni piena biex tara l-bejgh hux vantaggjuz ghal dawk li jew qed jopponu jew bhal kaz in kwistjoni dawk li ma ghandhomx vuci dirett fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti tqis li ma hemm ebda xkiel illi l-bejgh kif prospettat fil-konvenju msemmi jsehh u r-rikavat jigi maqsum skond il-kwoti respettivi tal-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti qed tilqa’ t-talbiet attrici safejn kompatibbli ma’ dak deciz kontra l-konvenuti l-ohra kollha b’dan pero qed tordna li l-att finali ta’ trasferiment ghandu jsir fil-bini tal-Qorti f’Malta fit-30 ta’ April 2013 fil-11.00am, u qed tinnomina lill-avukat Dr. Ian Vella Galea ghal finijiet ta’ rapprezentanza tal-kontumaci fuq l-att, b’dan illi jekk in-Nutar cioe dak li rrediga l-konvenju Joseph Tabone jkun f’pozizzjoni li jippubblika l-att qabel id-data msemmija u l-partijiet jaqblu li l-kuntratt jigi pubblikat qabel id-data imsemmija, il-Qorti taghti l-

fakulta lin-Nutar u lil partijiet jippubblikaw il-kuntratt ta' bejgh f'data, hin u lok li jaqblu fuqha huma.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu kollha mill-atturi u l-konvenuti kollha, skond il-kwoti rispettivi taghhom.

Il-Qorti tordna lill-kuraturi jew prokuraturi tal-assenti sabiex jiddepozitaw is-sehem tal-assistiti taghhom wara li jinqatghu s-sehem tal-assenti/intimati mill-ispejjez gudizjarji u dawk konnessi ma' xi dikjarazzjonijiet causa mortis li jista' jkun hemm bzonn u li n-Nutar qed jigi awtorizzat li jippubblika, f'kont bankarju 'savings' f'bank lokali entro gimgha mill-att finali u jipprezentaw nota fl-atti tal-kawza bid-dettalji tal-kont miftuh. Il-kuratur tal-kontumaci ghandu wkoll jiddepozita s-sehem dovut lil kontumaci taht l-awtorita tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------